MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru. 493/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Joseph Sammut, ta' 28 sena, bin Calcedonius u Catherine nee` Agius,imwieled San Giljan, nhar is-6 ta' Lulju, 1979 u li joqghod 'Jesmond Court' Flat 6, Triq l-Iskuna, Qawra, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 38659(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u cioe` talli f'San Giljan nhar l-14 ta' Lulju, 2003, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn is-siegha ta' filghodu (1.00am) u s-sebgha ta' filghodu (7.00am) ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe` xorb alkoholiku, flus, u xi affarijiet ohra, liema serq sar ghad-detriment ta' Anthony Muscat minn San Gwann

huwa ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (Euro2329.367)(elf lira Maltija);

Kif ukoll talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro cent (Euro 116.47) (hamsin lira Maltija) saret ghad-detriment ta' Anthony Muscat minn San Gwann;

U finalment gie akkuzat talli irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-aritkoli 49, 50, u 289 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat d-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat, liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamula llum mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, ghajr ghall-ahhar akkuza tar-recidiva peress illi ma tressqet l-ebda prova dwar l-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u fuq kollox ix-xhieda moghtija minn Anthony Paul Fitzpatrick li huwa gwida fil-hajja ta' l-imputat u xehed illi l-imputat ilu mis-sena 2005

il-boghod mill-vizzju tad-droga u li llum bena hajja gdida b'success. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2003 u cioe` ghal hames snin ilu.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(f)(b)(c) 263. 270, 267, 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda taqta' u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza u issibu hati ta' l-ewwel u t-tnieni akkuza fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn mil-lkum.

Il-Qorti qed wkoll twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkomettu reat iehor matul dana il-perijodu tas-sentenza jew jekk huwa ma jobdix id-direttivi mghotija lilu mill-ufficjal tal-probation.

Il-Qorti tordna sabiex kopja ta'l-atti u s-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------